



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 105/17**  
Il-Lussemburgo, 4 ta' Ottubru 2017

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea**

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Settembru 2017, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru lil Geert De Baere bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, b'mandat li jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2022.

Fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament mill-Imħallef il-ġdid li huwa mistenni jidħol fil-kariga tiegħu, illum ser tinżamm udenzja solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Ser ikun hemm xandira diretta taċ-ċerimonja fin-12:30 fuq is-sit seguenti:  
<http://c.connectedviews.com/cdi>

***Curriculum vitae ta' Geert De Baere***

imwieleed fl-1979; gradwat fil-liji (Università ta' Antwerp, 2002), Master of Laws (2003) u dottorat fid-dritt (2007) (King's College, Università ta' Cambridge); riċerkatur mistieden (Visiting Research Fellow) fil-fakultà tal-liji tal-Università ta' Columbia (2005); riċerkatur postdottorali assoċjat fl-Università ta' Antwerp (2007-2009); lecturer mistieden (2009), wara lecturer (2010-2015) u lecturer prinċipali (mill-2016) tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tad-dritt internazzjonali fl-Università ta' Leuven (KU Leuven); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-Avukat Ġenerali E. Sharpston (2007-2009), u wara mal-Imħallef A. Prechal (2016-2017); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-4 ta' Ottubru 2017.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*